MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 268/2003

**Panta Marketing & Services Limited**

**vs**

**Robert Ciantar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm294.98) rappresentanti import ta' cekk numru 154 22 585, mahrug mill-konvenut mill-kont bankarju that l-isem Ciantar Construction Limited mill-Bank of Valletta fergha ta' Santa Venera, liema cekk gie ritornat lis-socjeta attrici bhala "refer to drawer".

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra bonarja u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-28 ta' Novembru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mitejn u erbgha u disghin lira Maltin u tmienja u disghin centezmu (Lm294.98), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------